VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,579, 24 ta' Mejju, 2016*
*Taqsima B*

**A.L. 189 tal-2016**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal- Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 219 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

**L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jagħtu evidenza ta' esperjenza ta' xogħol wara r-reġistrazzjoni mal-kunsill regolatorju rilevanti fil-qasam ta' studju jew qasam ta' speċjalizzazzjoni propost, jekk applikabbli. In-numru minimu ta' snin ta' esperjenza meħtieġa jkun indikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet,
sakemm li għall-qasam ta' studju tal-Health Services Management, l-applikanti għandu jkollhom mill-inqas tlett snin ta' esperjenza ta' xogħol fil-qasam tas-Servizzi tas-Saħħa, filwaqt li għall-qasam ta' studju tal-Physiotherapy, l-applikanti għandhom ikunu attivi f'xogħol kliniku għal mill-anqas ħames sigħat fil-ġimgħa fit-tieni semestru tal-Kors sabiex itemmu t-taqsima studju tal-pjazzament kliniku rilevanti."